# Beati u Qaddisin...Gunju

## IL-MARTIRJU TA' SAN GWANN IL-BATTISTA

## GUNJU 24



Gesu' irrefera ghall-Battista bhala l-akbar wiehed li qatt twieled fost il-bnedmin li gie qablu biex ihejjilu t-triq. Dan il-bniedem ghadda hafna minn zmienu jghix gewwa id-dezert bhala bniedem qaddis u axxetiku.  Huwa beda' il-missjoni tieghu jhabbar il-migja tal-Messija u li kull bniedem ghandu jhejji ruhu ghaliha ghaliex "il-Messija hu fil-qrib."

Dak kien l-iskop principali tieghu.  Il-Maghmudija li beda' jippridka kienet wahda ta' indiema, imma minn kellu jigi warajh kien jghammed bl-Ispirtu Qaddis u bin-nar. Kien jghid li hu ma jisthoqqlux li jaqfel is-sandali ta' Dak li kellu jigi warajh.

L-attitudni tieghu lejn Kristu kienet li hu jitnizzel biex Kristu joghla. Fost il-midimbin li kienu jersqu lejn Gwanni biex jitghammdu u jaghmlu ndiema, kien hemm Gesu'. Ghal l-ewwel Giovanni ma riedx li jghammed lil Gesu', izda ceda' ghax Gesu' ried li jsir hekk.

Giovanni attira numru kbir ta' nies mill-Gudea ghax-xatt tax-xmara Gordan u ntebah li fosthom kien hemm l-Imwieghed Messija. Giovanni baghat lid-dixxipli tieghu jistaqsu jekk Gesu' kienx il-Messija. It-twegiba posittiva ta' Gesu' kienet stedina biex id-dixxipli ta' Giovanni jimxu wara Kristu, il-Haruf ta' Alla.

Giovanni kien mitfugh il-habs ghax kien iwissi lil Erodi pubblikament li ma kienx sew li jiehu l-mara ta' huh, Erodija. Din il-mara kienet tobghod ghall-mewt lil Giovanni ghax kienet tarah qed ifixkilha fil-hajja hazina li kienet riedet tghix. U meta sabet l-opportunita' talbet ghall-mewt tieghu.

Għax kien Erodi stess li bagħat jarresta lil Ġwanni u qaflu fil-ħabs minħabba Erodja, mart ħuh Filippu, billi kien iżżewwiġha hu. Għax Ġwanni lil Erodi kien jgħidlu: "Ma tistax iżżommha int il-mara ta' ħuk." Għalhekk Erodja saret tobogħdu u kienet trid toqtlu, imma ma kenitx tista', għax Erodi, li kien jaf x'raġel tajjeb u qaddis kien Ġwanni, kien jibża' minnu; u kien iħarsu mill-għawġ, u kien iħobb joqgħod jisimgħu, għad li kien jibqa' mħasseb ħafna wara li jisimgħu.

Mela wasal jum tajjeb, meta Erodi għalaq sninu u għamel ikla lill-kbarat tiegħu, lill-fizzjali l-għolja u lil l-aqwa nies tal-Galilija. Bint Erodja daħlet tiżfen, u għoġbot lil Erodi u lill-mistednin tiegħu. Is-sultan qal lit-tfajla: "Itlobni kull ma trid, u jien nagħtik kull ma titlobni." U qalilha u ħalfilha: "Titlobni x'titlobni, kollox nagħtik, imqar nofs is-saltna tiegħi." Dik ħarġet u marret tistaqsi lil ommha: "Tgħid x'nitolbu?" "Ras Ġwanni l-Battista," weġbitha dik. Malajr reġgħet daħlet tgħaġġel quddiem is-sultan, talbitu u qaltlu: "Irridek issa stess tagħtini ras Ġwanni l-Battista fuq platt." Tnikket għall-aħħar is-sultan, iżda minħabba l-ġurament u l-mistednin ma riedx jerġa' lura mill-kelma li taha. Malajr is-sultan bagħat suldat minn ta' madwaru u ordnalu li jġiblu rasu. Dak mar u qatagħlu rasu fil-ħabs; imbagħad ġiebha fuq platt u taha lit-tfajla, u t-tfajla marret tatha lil ommha. Meta d-dixxipli tiegħu semgħu b'dan, ħadu l-ġisem tiegħu u difnuh ġo qabar.